Minuti tat-19 il-laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 3 ta' Novembru, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 5.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-18 il-laqgha.

1.1 Il-Minuti tat-18 il-laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund li ser isiru fil-21 ta' Novembru. Is-Sindku spjega illi l-Maratona ser issir fit-28 ta' Novembru minflok fil-21 peress li dakinhar hemm maratona ohra gewwa Malta.

1.3 Dwar l-offerta tal-Perit is-Sindku spjega illi fuq parir tad-Direttur Generali is-Sur Bugelli, din l-offerta ghandha tkun ippublikata. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.4 Raymond Cassar staqsa jekk l-offerti li ser jigu ppublikati kif stipulat fil-laqgha precedenti hux ser isir l-avviz taghhom fl-avvizi tal-Kunsill. Is-Sindku irrisponda fl-affermattiv.

1.5 Is-Sindku spjega illi nbdew ix-xogholijiet fuq ic-centru civiku skond il-pjanta approvata mill-Kunsill. Kif prevvist l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill mhux ser jibqghu fuq quddiem izda ser jigu shifted lura. Gie spjegat illi x-xoghol qed isir minn Sammy Spiteri Construction li l-kwotazzjoni tieghu giet trattata u approvata fl-ahhar laqgha. Fuq quddiem ser ikun irrangat ghall-ghassa tal-pulizija u ghal-librerija. Temporanjament il-boardroom ser issir fil-klassi tax-xellug tan-naha ta' wara.

1.6 Raymond Cassar staqsa jekk kienx hemm xi problemi mal-kap tal-iskola. Is-Sindku spjega illi l-kuntrattur bi zball baghat lill-haddiema fil-blokk tal-kinder garden u ghalhekk inholoq ftit tal-konfuzjoni. Is-Sindku spjega illi x-xogholijiet gew diskussi wkoll ma Chev. Gatt, ufficjal inkarigat mill-Gozo College. Laqgha

ohra mal-Kav Gatt ghanda issir sabiex naraw il-way forward fejn jidhol il-parti ta' ma'l-iskola.

**2. Referendum – Kmamar tan-nar godda fl-Gharb.**

2.1 Inqrat l-ittra bir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju Elettorali Principali dwar ir-referendum.

2.2 Saret diskussjoni fit-tul dwar id-data meta ghandu jsir ir-referendum b'diskussjoni jekk ghandux isir is-Sibt jew fost il-Gimgha. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li d-data ghandha tkun fit-8 ta' Dicembru, btala pubblika.

2.3 Hin ghall-votazzjoni ghandu jkun minn 9.00am sa 7.00pm. Bejn is-7.00pm u l-10.00 isir l-ghadd u jinhargu r-rizultati.

2.4 Il-Kunsill qabel illi ghandu jkun hemm ufficjal mill-Ufficju Elettorali biex iservi bhala Polling Place Officer.

2.5 Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill ghandu jara jekk il-ligi tippermettix li ssir bye-law sabiex mill-Gharb ma jingarrx nar mahdum jekk il-pubbliku ma jkunx vzat. Is-Sindku ppropona illi jigi kkuntattjat Natalino Attard, ex Direttur tal-Gvern Lokali biex jaghti parir lill-Kunsill dwar din il-proposta u jekk possibbli li ssir jiddraftja il-bye-law. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ix-xoghol ghandu jinghata sabiex ikunipprezentat u diskuss waqt laqgha tal-Kunsill fil-futur qarib.

2.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-mistoqsija tar-referendum u wara diskussjoni giet ikkonfermata il-mistoqsija kif deciza fis-17 il-laqgha. Il-mistoqsija tar-referendum ghandha tkun hekk:
"Taqbel mal-bini ta' kmamar tan-nar godda fl-Gharb?" Iva Le

2.7 Il-Kunsill qabel illi ir-residenti ghandhom ikunu infurmati billi jinhargu avvizi ma l-avvizi tal-Kunsill li jitqassmu mal-bullettin fi tmiem il-gimgha.

2.8 Il-Kunsill qabel li r-residenti iridu jipprezentaw l-ID card biex ikollhom dritt jidhlu jivvutaw u meta jinghataw il-vot jinqatghu minn fuq ir-registru elettorali.

2.9 Gie deciz li ghandu jkun ordnat pulizija jew warden ghall-bwon ordni u biex jiccekkja l-ID cards.

2.10 Il-Kunsill qabel li bhala post tal-votazzjoni ghandha tintuza il-klassi ta' wara l-posta jew inkella is-sala tal-iskola, b'din ta' l-ahhar irid jintalab permess lill-kap ta' l-iskola. Is-Sindku spjega illi jekk tintuza is-sala xorta wahda iridu isiru xi partitions.

2.11 Saret diskussjoni dwar il-possibilita' li l-voti ikunu innumerati izda tqajjem il-punt illi hekk dawn jistghu ikunu identifikati. Ghalhekk gie deciz li l-voti ghandhom ikunu ittimbrati bit-timbru tal-Kunsill u timbru iehor. Gie deciz li jintalab timbru minghand il-Kummissjoni Elettorali.

2.12 Raymond Cassar ippropona illi ghall-vot ghandha tintuza karta naqra hoxna. Il-Kunsill qabel, fejn gie deciz ukoll li l-vot ghandu jkollu l-arma tal-Kunsill in-naha ta' fuq.

**3. Skeda ta' pagamenti – Progett ta' Wied il-Mielah**

3.1 L-iskeda ta' pagamenti relatati mal-progett ta' Wied il-Mielah giet approvata u iffirmata mill-membri kollha prezenti.

3.2 Lisa Marie Brooke gibdet l-attenzjoni dwar rampa li ghadha ma saritx. Is-Sindku spjega illi idealment f'dan il-post ghandu jinbena bridge u iehor hdejn f'l-ewwel part ital-wied.

3.3 Raymond Cassar ippropona illi jinbena dam iehor fil-parti ta' fuq tal-wied.

3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi kien hemm P.Q. fuq il-progett ta' Wied il-Mielah maghmula mill-Onor. Anton Refalo fejn min naha tal-Kunsill inghatat l-informazzjoni mitluba.

3.5 Carmen Vella staqsiet dwar Triq Frenc ta' l-Gharb jekk din hix ser issir. Is-Sindku spjega illi informazzjoni ricenti li inghatat mill-Ing. Curmi tal-WSC hija li l-gravity main ser jinbidel fi Triq Frenc ta' l-Gharb u f'parti minn Triq il-Knisja u Triq il-Gidi. Fi Triq il-Knisja u l-'Fgura' ser jinbidlu ukoll il-mejnijiet tal-ilma.

3.6 Is-Sindku spjega illi l-kuntrattur tal-WSC gie ghand il-Kunsill ghall-permess ta' dawn ix-xogholijiet u il-permess inghatalu biex ix-xogholijiet jitlestew sal-15 ta' Dicembru, u jekk ma jitlestewx sa din id-data tibda tapplika multa ta' €200 ghal kull gurnata addizzjonali min meta jispicca. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.7 Is-Sindku spjega illi huwa ghamel talba lill-WSC u l-kuntrattur taghha biex isir xoghol temporanju ta' reinstatement u sabiex jinghata program tal-implimentazzjoni tax-xogholijiet. Gie spjegat illi inghatat deadline sal-gurnata prezenti izda x-xoghol ma sarx. Is-Sindku ppropona illi peress li l-WSC hija kommessa illi taghmel dan ix-xoghol ta' reinstatement temporanju ghandha ssir talba lill-WSC biex tohrog l-awtorizzazzjoni lill-Kunsill biex ix-xoghol tar-reinstatement isir mill-kuntrattur tal-Kunsill ghas-spejjez tal-korporazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.8 Is-Sindku spjega illi fi Triq Trux il-kuntrattur tal-Kunsill Lawrence Attard gie inkarigat jaghmel xi patching bhala prova. Gie spjegat illi kien uzat il-cold asphalt peress li l-ebda kuntrattur ma issuplixxa hot asphalt. Hawnhekk saret diskussjoni dwar l-asphalt tax-xkejjer fejn is-Sindku spjega illi l-prezz tieghu huwa id-doppju tal-cold asphalt u jinhtieg li l-Kunsill ikollu post sew fejn izommu.

**4.0 Korrispondenza u materji ohra.**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-inizjattivi taht l-Iskema Premju Lokalitajiet Indaf li minhabba l-involviment tal-ghaqdiet lokali f'dawn l-inizjattivi u t-tibdil fil-parrocca minhabba li lahaq arcipriet gdid ghadhom ma sarux. Is-Sindku spjega illi l-Arcipriet jixtieq li jaghmel hu il-laqgha mal-ghaqdiet lokali u mal-Kunsill kif propost fil-laqgha precedenti. Sadanittant il-Kunsill qed jistenna appuntament biex jiltaqa ma l-Arcipriet. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni illi r-rapport dwar l-inizjattivi taht l-Iskema Premju Lokalitajiet Indaf kellu jintbaghat sal-5 ta' Novembru.

4.2 Il-Kunsill qabel li meta tintbaghat korrispondenza lill-ghaqdiet lokali li jaqghu taht il-Knisja, l-Arcipriet ghandu jigi kkupjat.

4.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-Isqof Emeritus Nikol Cauchi li jinsab l-isptar Mater Dei. Is-Sindku ppropona illi jekk l-Isqof Emeritus Nikol Cauchi imut, il-Kunsill ghandu jitlob illi l-Isqof Emeritus ikun moghti gieh u rispett. Il-Kunsill qabel unanimament fejn gie deciz li ghandhom jittiehdu l-inizjattivi mehtiega sabiex l-Isqof Emeritus ikun moghti il-gieh misthoqq. Is-Sindku ppropona illi anke jekk ikun hemm funeral ta' xi hadd li kien iservi fil-Kunsill ghandu jinghata certu rispett. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu pariri/suggerimenti minghand Carmelo Zammit, Ufficjal tal-Kultura sabiex tkun tista' tigi diskussa u adottata policy f'dan ir-rigward.

4.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi qed jigu avvicinati is-sidien tan-nicec li ser jigu restawrati sabiex jiffirmaw guardianship agreement. Dawn huma in-nicec tat-Tlugh tal-Madonna fis-Sema fi Triq Ta' Pinu, Madonna tal-Kuncizzjoni fi Triq l-Gharb, Kristu Sultan fi Pjazza Zjara tal-Madonna, Madonna tal-Karmnu fi Triq 29 ta' Awwissu 1679, Madonna tal-Grazzji fi Triq Ta' Sdieri, San Lwigi Gonzaga fi Triq l-Isqof Mikiel Molina, Vizitazzjoni tal-Madonna fi Triq Mongur u San Guzepp fi Pjazza Zjara tal-Madonna. Gie spjegat illi sid in-nicca San Lwigi Gonzaga fi Triq l-Isqof Mikiel Molina mhux interessat li jsir ir-restawr. Is-Sindku talab lill-membri biex jekk jafu b'xi nicca ohra javzaw lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex din tkun inkluza wkoll.

Is-Sindku spjega illi qed jigi ppreparat biex tinhareg l-offerta biex isir studju u restawr ta' dawn in-nicec. Fl-istess waqt il-Perit intalab sabiex jara x'hinu mehtieg li jsir permess.

4.5 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni illi l-kliem fuq il-plakka ma l-iskola l-qadima fi Triq il-Knisja qed jintefa.

4.6 Is-Sindku spjega illi l-Iskola Primarja Karmni Grima ser taghlaq 50 sena u li huwa gie avvicinat mill-kap tal-iskola li tixtieq tfakkar dan l-avveniment bil-publikazzjoni. Is-Sindku spjega illi huwa tkellem ma Fr Bezzina u talbu kwotazzjoni biex isir *write up* fuq l-iskola ghal din l-okkazjoni.

4.7 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kappella ta' San Dimitri u l-*picnic area* li ser isir madwarha u l-ghalqa li hemm hdejn il-parking fejn is-Sindku qed jissuggerixxi li jsir masgar. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob ghad-devoluzzjoni taghha.

4.8 Is-Sindku spjega illi qed isir id-drafting tal-offerti tal-progett taht Mizura 323.

4.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar is-sigra tal-Milied fejn gie spjegat illi din mhux ser tasal fiz-zmien u x-xogholijiet fil-pjazza ser ikunu ghadhom ghaddejjin. Il-Kunsill qabel unanimament illi ghal din is-sena ghandha tigi mzejjna is-sigra ta' Pinu u Triq l-Gharb, l-entratura tar-rahal.

4.10 Il-Kunsill qabel unanimament li m'ghandhomx jinghataw permessi biex isiru xogholijiet fi Triq Frangisk Portelli qabel ma jinghalqu ix-xogholijiet fit-toroq gewwa c-centru tar-rahal. Il-kunsill qabel uninament.

4.11 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kompetizzjonijiet tal-Milied u l-fatt li ghalkemm hargu l-avvizi ma kienx hemm registrazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jara x'incentivi jista' johloq biex jippromwovi aktar din il-kultura fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li wahda mill-affarijiet tista' tkun li bhala rigal lill-ewwel 3 rebbieha jinghata bambin tal-Milied flok trofew. Gie deciz ukoll li ghandha ssir talba lill-Arcipriet sabiex isir avviz fid-duttrina dwar dawn il-kompetizzjonijiet u li ghandha tkun iccirkulata karta lit-tfal fl-iskola primarja.

4.12 Is-Sindku spjega illi hemm applikazzjoni miftuha ghall-fondi EU li tahtha il-Kunsill jista' japplika ghar-restawr tal-Knisja Parrokkjali. Gie spjegat pero illi l-kofinanzjament EU taht din is-sejha huwa baxx. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi sottomessa l-applikazzjoni xorta wahda.

4.13 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:

*4.14* Minghand il-kumpanija OPAL kwotazzjoni ghal *playing field equipment.*

4.15 Minghand Maria Homoki dwar servizz ta' divertiment ghat-tfal ghal zmien il-Milied.

4.16 Minghand Transport Malta dwar is-servizzi tal-Quality Assurance Unit.

4.17 Mill-Moviment Kerygma dwar Premju Zaghzugh tas-Sena 2010.

4.18 Mill-MEPA: Applikazzjoni PC 0043/10, applikazzjoni gdida ghall-permess ta' zvilupp PA3609/10.

4.19 Minn Media Link Communications dwar CD – intervisti ma awturi kontemporanji Maltin.

4.20 Mit-Taqsima Kultura, dwar l-Iskema Presepji 2010.

4.21 Mill-Malta Olympic Committee dwar l-MOC Sports Awards.

4.22 Mill-Gozo Adventures dwar l-introduzzjoni ta' mobile climbing wall. Il-Kunsill qabel li jara jekk dan il-wall hux ser ikun disponibbli ghall-attivita' tal-21 ta' Novembru.

Il-laqgha spiccat hin 8.20pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv